MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Numru. 364/2009

IL-PULIZIJA
SPETTUR EDEL MARIE CAMILLERI
VS
MARCO AQUILINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Marco Aquilina ta’ 40 sena, iben Manuel u Carmen nee’ Decarlo, imwieled Swieqi fit-22 ta’Frar 1969 residenti fi –‘Adriatica’ Triq il-Qasam, Swieqi, u dentur tal-karta tal-identita 105069(M)

U akkuzat talli fil-15 t’April 2009, u fix-xhur ta’qabel gewwa Birkirkara, Malta u bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, imjega jew ta xoghol lil persuna li ma kienx/kenitx persuna ezenti u li ma kelliex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew

xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta'Malta;

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, bhala persuna responsabbli li kien qed isir gewwa fond f'Birkirkara u nhawi ohra f'Malta, impjega persuna li ma kenitx cittadin ta'Malta meta din il-persuna ma kelliex permess validu u ufficjali;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi bhala principal jew persuna li jimjega persuni ohra , full time, part time, jew xort' ohra b'kuntratt definit jew indefenit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghool u tahrig b'dan l-impjieg kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali, u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu, il-Qorti issib lill-imputat **Marco Aquilina** hati skond l-akkuza , u wara li rat l-Artikoli 3a sa 10 tal-Avviz Legali 110 tal-1993, Artikoli 4, 5 u 6 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna l-imputat ihallas multa ta' elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1164.69 ewro) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur b'rata mensili.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------